MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Avviz Numru. 323/2013

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 987/10 fl-ismijiet:**

**Vincenza Cassar**
**Vs**

**Jessica Busuttil u Clinton Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici li gieipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Ottubru 2013 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

*"Illi l-proceduri fl-ismijiet Vincenza Cassar vs. Jessica Busuttil et li a bazi taghhom kien inhareg il-mandat kawtelatorju odjern numerat 987/10 jinstabu pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell.*

*Illi l-Bank of Valletta kien, kif jirrizulta mill-annessa kopja ta' cedola ta' depositu numerata 2161/10, iddepozita l-ammont kollu reklamat mill-attrici.*

*Illi la darba l-ammont allegatament dovut u reklamat mill-attrici gie kkawtelat u di piu'; gie depozitat fir-Registru tal-Qorti, ma hemm l-ebda ostaklu fil-Ligi li jwaqqaf lill-konvenuti milli jitolbu, in vista tal-premess, li jinhareg il-kontromandat opportun, salv li l-esponenti thallas l-ispejjez tal-mandat provizorjament.*

*Illi jingab ghall-konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-mandati jinhargu fuq diversi banek u mhux gust li dan jithallas ghal snin pendenti meta l-allegat debitu huwa kkawtelat permezz ta' depozitu.*

*Illi l-Artikoli 836(1)(c) u (e) tal-Kap 12 fil-fatt jipprovdu ghal tali cirkostanzi fejn tinghata bizzejjed sigurta' ghall-allegat kreditu pretiz u x'hemm sigurta' akbar mid-depozitu tal-ammont intier li ilu depozitat sa mill-2010?*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob, in vista tad-depozitu maghmul mill-Bank of Valletta tal-ammont kollu reklamat mir-rikorrenti, ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 987/10 jew, alternattivament, ir-riduzzjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru fis-sens li ghandu jigi revokat in kwantu u fir-rigward ta' dawk kollha li fil-konfront taghhom gie ezegwit il-mandat u ridott in kwantu u ai fini tal-Bank of Valletta plc fuq il-flus depozitati fir-Registru tal-Qorti u revokat fil-bqija."*

Rat in-nota kongjunta tal-partijiet li giet prezentata fit-2 ta' Dicembru, 2013 li permezz taghha filwaqt li qeghdin jesebixxu kopja vera (Dok. A) tal-mandat ta' sekwestru numerat 987/2010 jiddikjaraw li hemm qbil bejn il-partijiet li l-mandat ghandu jigi ridott sabiex jibqa' fis-sehh biss fuq il-flus li gja gew depozitati f'idejn ir-Registratur tal-Qrati Civili, permezz ta' zewg cedoli numerati 703/10 u 2161/10 prezentati t-tnejn mill-HSBC Bank plc (C3177) u b'hekk l-istess mandat 987/2010 jigi revokat fil-konfront tal-Banek u partijiet l-ohra eskluz ir-Registratur tal-Qorti Civili

notifikati bil-mandati. Il-partijiet iddikjaraw li kull parti terfa' l-ispejjez inkorsi minnhom f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti rat illi permezz tac-cedola ta' depozitu li sar numru 2161/10 fl-ismijiet Vincenza Cassar vs Jessica Busuttil et wara l-mandat ta' sekwestru numru 987/10 hemm depozitat taht l-Awtorita' tal-Qorti s-somma ta' €905.29. Illi permezz ta' cedola ta' depozitu numru 703/10 fl-istess ismijiet Vincenza Cassar vs Jessica Busuttil et li wkoll saret wara l-mandat ta' sekwestru numru 987/10 gew depozitati l-Qorti s-somma ta' €597.71. Illi ghalhekk b'kollox depozitati l-Qorti hemm €1,503.

**B'hekk il-Qorti qieghda tordna r-revoka tal-mandat 987/2010 fil-konfront tas-sekwestratarji Bank of Valletta, HSBC Bank, APS Bank, Lombard Bank u Banif Bank u zzommu in vigore biss fil-konfront tar-Registratur tal-Qorti Civili u dan fl-ammont ta' €1,500.**

**Il-Qorti tordna illi l-partijiet jerfghu l-ispejjez inkorsi minnha f'dawn il-proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------